# GĦALIEX YAHAD?

INTRODUZZJONI

**GĦALIEX YAHAD?**

Din is-serje hija bbażata fuq YAHAD, dokument imħejji mill-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi biex jgħinna nirriflettu dwar kif nistgħu nibnu l-paċi fi ħdan pajjiżna b'mod kostruttiv. Tista' ssib id-dokument sħiħ hawn: https://yahad.mt/

*YAHAD* huwa terminu bl-Ebrajk li jintuża fil-Bibbja l-aktar spiss bħala avverbju fis-sens ta 'flimkien" u "ma' xulxin". Iwassal ukoll is-sens ta' għaqda u komunità.

**GĦANIJIET TAS-SERJE**

- Li jippreżenta liż-żgħażagħ temi dwar il-ġustizzja soċjali.
- Li jorbot l-iSkrittura u t-Tagħlim tal-Knisja ma' sitwazzjonijiet tal-ħajja reali li jseħħu f'pajjiżna.
- Li jagħti ħin liż-żgħażagħ biex jirriflettu fuq id-dinja ta' madwarhom.
- Li jgħin liż-żgħażagħ jaraw problemi ta' ġustizzja fid-dawl tal-Iskrittura.
- Li jħeġġeġ liż-żgħażagħ ikunu l-bidla pożittiva li jixtiequ jaraw fid-dinja.

**KONTENUT**

Is-sensiela tinkludi 6 laqgħat differenti, kull waħda bbażata fuq il-qari tal-Evanġelju tal-ewwel 5 Ħdud tar-Randan, u ta' Ras ir-Randan. It-titli ta' kull sessjoni huma:

1. Tjubija - Tagħlim u Diskussjoni
2. Rażan - Tagħlim u Diskussjoni
3. Kuraġġ - Film Night
4. Paċenzja Ħanina - Diskussjoni
5. Rikonċiljazzjoni - *Lectio Divina*
6. Kreattività - Attività

Għalkemm dan ir-riżors jipprova jkun dettaljat, mhuwiex maħsub biex jinqara mill-karta kif inhu, imma biex iservi bħala bażi għal-laqgħat mogħtija mil-*leaders*. Kull grupp huwa differenti, u għalhekk l-attivitajiet, il-metodi ta' diskussjoni u t-tagħlim jeħtieġ li jkunu mfassla skont id-dinamika tal-grupp. Jekk għandek bżonn għajnuna biex tiżviluppa aktar dawn ir-riżorsi, jew għandek xi mistoqsijiet, ħossok liberu li tikkuntattjana.

**OUTLINES TAL-LAQGĦAT**

- Kull pjan għandu outline fl-ewwel paġna biex jagħti ħarsa fil-qosor lejn il-laqgħa.
- Hemm ukoll ħarsa ġenerali għat-tim qabel kull pjan biex tgħin lin-nies differenti imexxu partijiet differenti tal-laqgħa.
- Kull laqgħa mmirata li tkun bejn siegħa u siegħa u nofs. Il-ħinijiet huma stimi u mhumiex hemm biex jinżammu b'mod strett.